Għamilna l-wisa' lin-nisa u aħna l-irġiel ħriġna llaqqtu fuq daharna l-qilla kollha tax-xemx ta' Awissu. Stagħġibt mhux ftit kif sħabi wara ftit li ntelqu minn tulhom fuq ir-ramel jikwi kienu fl-isbaħ nagħsa daqskieku kienu mxaħxħin ġo sodda. Għajnejja ħassejthom jitqalu u xtaqt nieħu għamża jien ukoll flok noqgħod waħdi nħares fix-xejn. Fl-aħħar sibt roqgħa dell ma' dahar it-tinda u ma għaddiex wisq ħin li ma kontx qed ngħodd is-sebgħa fil-mija. Ma nafx kemm għadda ħin, imma naf li stenbaħt b'ħasda kbira meta fuq wiċċi tferra' barmil ilma baħar. Sakemm kont rieqed sħabi qalgħu kemm ramel sabu madwari u difnuni fih: rasi biss ħallewli barra.

Ix-xemx bdiet tbatti u kien sar ħin it-te. Lili tawni kikkra te sħuna li niżlitli għasel u fetħitli griżmejja min-nixfa li kellhom. Żewġ gallettini u pasta ħassejthom biżżejjed għal dak il-ħin. Meta sar il-waqt li nitilqu, żarmajna t-tinda, għalaqna s-siġġijiet, il-banketti u l-pultruni, u tgħabba kollox fil-karrozzi. Jien kont sa naħseb biex inqarreb lejn il-venda, imma ħbiebi ma ħallewnix.

"Issa irkeb magħna. Ngħaddu mis-Salini u nwassluk Tas-Sliema", qalli wieħed minnhom.

"Imma wisa' għalija ma naħsibx li għandkom", għidtlu jien.

"Tħabbel rasek xejn; b'xi mod niddeffsu".

U kien tassew kif qal hu, għax biex qgħadt fil-karrozza tiegħu kelli nintrass bejn kaxxi u siġġijiet u nżomm f'ħoġri lil wieħed minn uliedu.

Meta wasalt ħdejn id-dar u nżilt mill-karrozza, iżżejthom ħajr ta' kulma għamlu miegħi dak in-nhar.

"Nerġgħu mmorru", qalli serju serju.

Jien għamilt ta' birruħi li ma smajtux biex ma nintrabatx.

Kif dħalt id-dar ħadt nifs qawwi ta' mistrieħ. Wara ġimgħa xogħol, jum bħal dak f'xatt il-baħar xi nies iqisuh mistrieħ għalihom; jien għalija qistu strapazz mill-kbar bla gost ta' xejn. Sa ma wasalt biex nidħol fis-sodda dik il-lejla dahri kien sar aħmar nar u ma stajtx nimtedd wiċċi 'l fuq kif inħobb norqod jien; kelli nintelaq wiċċi 'l isfel bla ġlekk tal-piġama billi ma flaħt inżomm xejn fuqi.

Qabel ma għadda s-sajf sew lil dawk il-ħbieb ma fittixtx li narġa' niltaqa' magħhom; bżajt li jwaqqgħuni biex immur darb'oħra magħhom fl-Għadira tal-Mellieħa.

---

**KRONAKA**

Nifirħu tassew minn qalbna lir-Rev. Patri WISTIN BORN, O.P., Membru Akkademiku tagħna, tal-ħatra tiegħu bħala Kavalier Kappillan tal-Prijorat tal-Lingwa Maltija ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.



# LILL-BNIEDEM

*Ta'* JOSEPH C. SCIBERRAS

Ifraħ għax ħriġt fl-ispazju
mad-dinja ddur, iddur;
u b'ħeffa l-aktar kbira
minn art għal oħra tmur.

Ifraħ għax irnexxielek
tarf bosta mard issib
u terġa' f'demm il-morda
is-saħħa tiġri ġġib.

Ifraħ bi ġmiel il-mużika
ta' l-opri kbar u sbieħ
li nsiġt fl-aħjar ta' żmienek
biex qlajt ir-rand tal-ġieħ.

Ifraħ għall-kotba tajba,
bis-sengħa miktubin.
Ifraħ għall-poeżiji
bil-ħila mirqumin.

Ifraħ għall-katidrali
u l-ġmiel ta' l-aqwa knejjes
li swewlek, sakemm bnejthom,
somom mhux żgħar ta' flejjes.

Ifraħ għall-ġmiel ta' statwi
li taw l-aqwa skulturi;
u tgħaxxaq bl-isbaħ kwadri
li tawk l-akbar pitturi.

Ifraħ b'nies kbar bħal Gigli,
bħall-Malti Dun Mikiel,
bħall-Papa Ġwanni t-Twajjeb
li għelbu l-aqwa xkiel.

Ifraħ 'ma bla titkabbar
biex togħġob lill-Ħallieq
li tak dan il-ġmiel kollu
biex l-Oħla Ġmiel tixtieq.